



Stampa u Informazzjoni

## Statistika ġudizzjarja 2011: rekord ġdid ta' kawżi mressqa u deċiżi quddiem it-tliet qrati tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

*Madankollu, żieda fl-effiċjenza u riformi interni sinjifikattivi ma kinitx biżżejjed sabiex jassorbu ż-żieda tal-kawżi mressqa*

Fl-2011, il-kawżi mressqa u deċiżi quddiem it-tliet qrati tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea komplew jikbru (1569 kawża ġdida). L-Istituzzjoni ma tistax ma tifraħx b'dan l-iżvilupp. li jirrifletti l-fiduċja tal-qrati nazzjonali u tal-partijiet fil-kawżi fil-qrati tal-Unjoni. Madankollu, dan il-volum ikbar ta' kawżi mressqa ma ġiex kompletament assorbit, minkejja rekord ta' produttività (1518-il kawża magħluqa fl-2011).


### Il-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet 638 kawża fl-2011, li jirrappreżenta żieda ta' iktar minn 10 % meta mqabbel mas-sena preċedenti (574 kawża magħluqa fl-2011).

Fl-2011 tressqu 688 kawża ġdida quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li jirrappreżenta żieda sinjifikattiva meta mqabbel mal-2009 (631 kawża mressqa) u, għat-tieni sena konsekuttiva, l-ogħla numru fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-istess ġara fir-rigward tat-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari. In-numru ta' kawżi għal deċiżjonijiet preliminari mressqa din is-sena huwa, għat-tielet sena konsekuttiva, l-ogħla li qatt intlaħaq u, meta mqabbel mal-2009, żieda ta' kważi 41 % (423 kawża fl-2011 kontra 302 kawżi fl-2009).

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, l-istatistika, fil-parti l-kbira, hija wkoll pożittiva b'has-sena ta' qabel. Fir-rigward tar-rinviji għal deċiżjonijiet preliminari, it-tul ta' trattament medju jammonta għal 16.4-il xahar (meta mqabbel ma' 16-il xahar fl-2010)

Fir-rigward tar-rikorsi diretti u tal-appelli, it-tul ta' trattament medju fl-2011 kien rispettivament ta' 20.2-il xahar (!) u ta' 15.4-il xahar (kontra 16.7-il xahar u 14.3-il xahar fl-2009).




	2007	2008	2009	2010	2011
Kawżi mressqa	581	593	562	631	688
Kawżi magħluqa	570	567	588	574	638
Kawżi pendenti	742	768	742	799	849

## II-Qorti Ġenerali

Minn perspettiva statistika, l-2011 jista' jiġi deskritti bħala sena rekord. B'hekk, it-total ta' 722 kawża ġdida rreġistrata tikkostitwixxi żieda ta' kważi 15 % meta mqabbel mal-2010 (636 kawża mressqa), sena li hija stess kienet f'dan ir-rigward laħqet livell ġdid. Bl-istess mod, iż-żieda notevoli fin-numru ta' kawżi deċiżi (+ 35 %) – riżultat tar-riformi sinjifikattivi implementati mill-Qorti Ġenerali – juri livell ta' attività bħal qatt qabel għall-qorti, b'714-il kawża magħluqa (527 fl-2010), li magħhom żiedu 52 proċediment għal miżuri provviżorji.

L-eżistenza ta' fatturi ċikliċi, madankollu, ma jiggarrantix li r-rata miksuba fl-2011 tista' tiġi sistematikament irriprodotta minn sena għal sena. Ir-riformi – strutturali u proċedurali – għandhom jitkoplew, sabiex il-Qorti Ġenerali mhux biss tirispondi għaż-żieda sistematika tal-kawżi mressqa, iżda wkoll tnaqqas id-dewmien ġudizzjarju. Għalhekk, minkejja r-riżultati deskritti iktar 'il fuq, in-numru ta' kawżi pendenti kompli jżied din is-sena, u laħaq 1308 kawża, u t-tul medju tal-istanza kienet ta' 26.7-il xahar (24.7-il xahar fl-2010).




	2007	2008	2009	2010	2011
Kawżi mressqa	522	629	568	636	722
Kawżi magħluqa	397	605	555	527	714
Kawżi pendenti	1 154	1 178	1 191	1 300	1 308

## It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

L-istatistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għall-2011 turi żieda sinjifikattiva ulterjuri fin-numru ta' kawżi mressqa (159) meta mqabbel mas-sena li għaddiet (139), li diġà kienet indikat żieda sostanzjali fir-rikorsi (111 fl-2008 u 113 fl-2009).

In-numru ta' kawżi magħluqa (166) huwa, imbagħad, ħafna ogħla minn dak tas-sena li għaddiet (129), u jikkostitwixxi l-aħjar riżultat kwantitattiv tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mill-bidu tiegħu.

Jidher ukoll li t-tul medju tal-proċedura naqas b'mod sinjifikattiv (14.2-il xahar fl-2011 kontra 18.1-il xahar fl-2009).



	2007	2008	2009	2010	2011
Kawżi mressqa	157	111	113	139	159
Kawżi magħluqa	150	129	155	129	166
Kawżi pendenti	235	217	175	185	178

*Dokument mhux uffċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*